MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Numru 328/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**GEORGE CAMILLERI**

**Illum 11 ta' Mejju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom George Camilleri ta' 42 sena, bin Carmelo u Maria nee` Schieda`, imwieled Hamrun, fid-29 ta' Lulju 1962, li huwa residenti f' 7, 'Christ Mand House', Sqaq San Pawl, Hamrun; Detentur tal-karta ta' l-Identita` bin-numru: 492362M, gie akkuzat:

Talli, fil-31 ta' Jannar 2004, fil-05 ta' Frar 2004 u fil-granet ta' qabel fil-Hamrun u fil-fond maghruf bhala : 'Tal-Milend', u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda

1. billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi Lm100 ghad-Detriment tal-Gvern ta' Malta u diversi persuni ohra, dan bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. bl-iskop li jakkwista xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali, kemm ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew ghal xi skop iehor li ghandu x'jaqsam ma' l-Att dwar is-Servizzi Socjali:

i. xjentement jew bi traskuragni ghamel dikjarazzjoni falza jew wera haga b'ohra;

ii. gab jew ta, jew ikkaguna jew gieghel jew xjentement halla illi jingieb jew jinghata dokument jew taghrif li kien jaf li kien falz f'haga materjali jew;

iii. bi frodi naqas li jirraporta lid-Direttur tas-Servizzi Socjali, qabel ma rcieva l-hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew tista' jkollha konsegwenza materjali fuq – ammont, jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament u dan bi ksur ta' l-Artikolu 117 tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Taht l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Impjieg u Tahrig:

i. ta xi taghrif li kien jaf li huwa falz f'xi punt importanti, jew minghajr ma jimpurtah ta xi taghrif li jkun falz f'xi punt importanti; jew

ii. bil-hsieb li jinganna, ipproduca, ta, baghat jew xort'ohra ghamel uzu minn xi dokument li jkun falz f'xi punt importanti; jew

iii. ghax ried, irrifjuta li jaghti jew minghajr raguni legittima (li l-prova taghha hija ghal kariga tieghu) ma tax, xi taghrif importanti, u dan bi ksur ta' l-artikolu 48 tal-Kap. 343 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. BZ3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imutat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 308, 309, 310 u 188 tal-Kap. 9, l-artikolu 117 tal-Kap. 318 u l-artikolu 48 tal-Kap. 343 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat George Camilleri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat George Camilleri ghall-piena komplessiva ta’ sentejn prigunerija u Lm250 multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat George Camilleri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat George Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------